MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 733/2013

Gian Domenico **SARTI**

vs

**PALAZZO EVENTS LIMITED** (C – 37746)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Lulju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tagħtih mitejn u elfejn u mija u żewġ euro (€ 202,102) bħala ħlas għal servizzi li huwa taha fuq ftehim magħha; (ii) tillikwida d-danni ulterjuri mġarrbin minnu minħabba li l-kumpannija mħarrka naqset li żżomm ma' dak li ntrabtet bih fil-ftehim ta' bejniethom; u (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallsu s-somma msemmija ta' mitejn u elfejn u mija u żewġ euro (€ 202,102) flimkien mas-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet relativi;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Awwissu, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-atturi għat-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

[1] Paġ. 396 tal-proċess

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fil-5 ta' Settembru, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li, ladarba l-attur jgħix barra minn Malta, imissu jaħtar (pro)kuratur biex jidher għalih fl-atti ta' din il-kawża u biex f'ismu jkun jista' jilqa' atti ġudizzjarji f'Malta u li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Ottubru, 2013[2], meta l-Qorti semgħet x'kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel preliminari, u ordnat li l-istess partijiet iressqu sottomissjonijiet bil-miktub dwarha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-20 ta' Novembru, 2013[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-14 ta' Jannar, 2014, dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha[4];

Rat in-Nota ta' Replika mressqa mill-attur fis-6 ta' Frar, 2014[5], dwar is-sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' servizzi mogħtija u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minħabba ksur ta' twettieq ta' obbligazzjonijiet

[2] Paġ. 402 tal-proċess
[3] Paġġ. 405 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 414 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 418 – 420 tal-proċess

kuntrattwali. L-attur, li huwa awditur u konsulent finanzjarju, qiegħed ifittex lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Palazzo") biex tħallsu għal servizzi li qabbditu jagħtiha u għal infieq li għamel tul medda ta' żmien biex sata' jagħtiha dak is-servizz. Qiegħed ifittex lil Palazzo wkoll għad-danni li jgħid li ġarrab minħabba li din naqset milli tħares ir-rabtiet li kellha fil-kuntratt li kellhom bejniethom;

Illi għal din l-azzjoni, Palazzo laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li ladarba l-attur ma joqgħodx f'Malta, imissu jaħtar persuna biex tidher għalih f'din il-kawża meta ma jkunx hawnhekk u biex f'ismu tkun tista' tilqa' n-notifika tal-atti ġudizzjarji. Qalet ukoll li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar. Laqgħet b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża sa issa juru li l-attur huwa awditur u konsulent finanzjarju Taljan bis-sede tal-ħidma professjonali tiegħu f'Ruma. B'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2009[6], skond kitba li saret bejn il-partijiet, Palazzo qabbditu jagħtiha servizzi professjonali għal żmien tliet (3) snin, liema żmien jiġġedded awtomatikament sakemm xi waħda mill-partijiet ma tiddeċidix li ttemm il-ftehim sitt (6) xhur qabel l-egħluq tal-iskadenza. Il-partijiet ftehemu wkoll fejn kellu jsir ix-xogħol, kemm kien maħsub li l-attur ikun impenjat fuq medda ta' kull sena u l-ħlas li kellu jsir lill-attur;

Illi l-attur jidher li ta regolarment is-servizzi tiegħu kemm f'Malta u kemm ukoll mis-sede tiegħu fl-Italja. Iżda fl-2012 inqalgħu xi problemi ma' Palazzo, fosthom dawk marbuta mal-ħlas għax-xogħol li tqabbad jagħti;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża f'Lulju tal-2013;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-eċċezzjoni preliminari taħt eżami jintrabtu mal-aspett tal-integrita' tal-ġudizzju. F'dan il-każ, l-attur kien f'Malta meta fetaħ il-kawża, iżda minħabba li ma jgħix f'Malta, ma jkunx f'Malta f'kull waqt tal-kawża u kemm hu hekk,

[6] Dok "A", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess

s'issa, qatt ma deher quddiem il-Qorti kull meta l-kawża kien messha tinstema';

Illi Palazzo tgħid li r-raġuni ewlenija li għaliha ressqet l-eċċezzjoni preliminari hi l-prattiċita' tan-notifika lill-attur ta' atti ġudizzjarji li hija tkun trid tressaq fil-kawża (jew fi proċeduri marbutin magħha);

Illi dan ifisser li bl-imsemmija eċċezzjoni Palazzo mhijiex tgħid li l-ġudizzju mhuwiex sħiħ, imma li qiegħda ssejjes l-imsemmija eċċezzjoni fuq aspetti ta' prattiċita';

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jiċħad li huwa għandu l-obbligu li jaħtar mandatarju għalih f'din il-kawża u ma hemm l-ebda nuqqas fl-integrita' tal-ġudizzju bil-fatt waħdu li huwa jgħix barra minn Malta u ma ħatarx espressament mandatarju għalih hawnhekk. Jgħid li llum il-ġunata, bis-saħħa tar-Regolament Komunitarju 1348/2000KE[7], inħalaq sistema mifrux ta' kif tista' ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji lil xi persuna li tkun tinsab fit-territorju ta' xi wieħed mill-Istati Msieħba fl-Unjoni Ewropeja. Jgħid li ladarba dak is-sistema hu stabilit f'Regolament, allura l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom effett dirett f'Malta u jipprevalu fuq kull liġi oħra li tista' tgħid mod ieħor;

Illi l-Qorti tqis li l-attur qiegħed jgħid sewwa. Il-liġi proċedurali tagħna mkien ma tgħid li min jiftaħ kawża jrid ikun f'Malta f'kull waqt tagħha, u lanqas ma torbot espressament lil parti bħal dik li tħalli 'l min jidher minflokha tul iż-żmien li ma tkunx tinsab f'Malta. Kif sewwa ssemma fil-kawżi ċitati minn Palazzo, il-ħatra espressa ta' mandatarju minflok il-parti attriċi li tkun temporanjament imsiefra minn Malta mhijiex iżjed minn "prassi (li) għandha aspetti prattiċi u ekwi tagħha"[8]. Dan jingħad għaliex huwa mifhum u ilu jkun aċċettat li, għal-finijiet tal-attijiet tal-kawża, l-avukat tal-parti attriċi jitqies bħala mandatarju ta' dik il-parti[9];

Illi, minbarra dan, jekk kemm-il darba r-raġuni li wasslet lil Palazzo tressaq l-imsemmija eċċezzjoni hija waħda marbuta mal-ħeffa u l-ħtieġa

[7] Dan ir-Regolament tħassar u llum minfloku daħal fis-seħħ ir-Regolament 1393/2007KE

[8] App. Ċiv. **5.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia et vs Assistant Prinċipali tal-Ministeru tat-Turiżmu*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iii.137**)

[9] Ara, fost l-oħrajn, App. Ċiv. **17.5.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri vs Dingli et*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.277**) u App. Inf. PS **16.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Grezzju Farruġia et***

tan-notifika lill-attur ta' xi atti ġudizzjarji marbuta mal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet, allura hawn ukoll ma jidhirx li huwa meħtieġ li l-attur jaħtar espressament mandatarju tiegħu f'Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex, minbarra l-kwalita' tal-mandat taċitu li jħaddan l-avukat difensur tiegħu kif għadu kemm tfisser, minbarra l-metodu formali tan-notifika permezz tal-awtoritajiet magħrufa fl-Istat Imsieħeb, ir-Regolament jipprovdi wkoll għal metodi mħaffa ta' notifika b'posta reġistrata[10] li, wara kollox, huwa l-istess metodu ta' notifika li ġeneralment u normalment jintuża f'każ fejn il-parti tkun tinsab f'Malta;

Illi l-Qorti żżid tgħid li dan kollu jgħodd aktar minħabba li l-attur jgħix f'parti mit-territorju tal-Unjoni Ewropeja[11] u għalhekk ma huwiex il-każ li l-Qorti tipprovdi għall-ħatra ta' kuratur deputat f'ismu[12], kif Palazzo tissottometti li għandu jsir. U jekk kemm-il darba huwa stabilit[13] li dan jgħodd fil-każ ta' korp legali b'personalita' ġuridika distinta, il-Qorti ma tarax għaliex dan mgħandux jgħodd ukoll għal persuna fiżika;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess eċċipjenti; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Art. 14 tar-Reg. 1393/07
[11] F'dan il-każ, il-fatt li ma jgħix fid-Danimarka wkoll jinċidi fuq it-tħaddim tar-Regolament Komunitarju msemmi
[12] Skond l-artt. 929 *et seq* tal-Kap 12
[13] Ara P.A. JZM **16.7.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediteranea Distribuzione Srl vs Dr Richard Galea Debono noe*** (*in parte*)